

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Fejn U Kif](#) > [Spejjeż](#) > Studju ta' każ 5 - liġi kummerċjali - responsabbiltà - Spanja

Studju ta' każ 5 - liġi kummerċjali - responsabbiltà - Spanja

Spejjeż fi Spanja

Spejjeż għat-Tribunali, appelli u soluzzjoni alternattiva tat-tilwim

Każ mistħarreġ Tribunal	Appelli						Soluzzjoni alternattiva tat- tilwim
	Spejjeż inizjali	Spejjeż ġenerali	Spejjeż oħra	Spejjeż inizjali	Spejjeż ġenerali	Spejjeż oħra	Din l-alternattiva hija possibbli f'tali każijiet?
Każ A	Spejjeż inizjali - Il-provvediment ta' fondi lill- avukat u lill- prokuratur u, ġeneralment il- ħlas ta' taxxa skont it-tip ta' proċediment u l-pretensjoni, dejjem jekk jaqbżu l- EUR 2000, għajr fejn ikun rikonoxxut id- dritt ta' għajruna legali (irregolat bil- Liġi 1/1996 dwar l- Għajruna Legali)	Dawn huma l- ispejjeż ġenerali tal-proċess. Dawn ikunu imposti fuq il- parti li l- pretensjonijiet kollha tagħha jkunu ġew miċħuda (l- Artikolu 394(1) tal-Liġi dwar il- Proċedura Ċivili (L.E.C.)).	Tressiq ta' provi: - Kumpens għax-xhieda - Perizja	Il-parti li tappella għandha tagħmel depożitu bil- quddiem, għajr jekk ikollha dritt għall-għajruna legali.	L-istess kriterju japplika għall-ewwel istanza.	L-istess kriterju japplika għall-ewwel istanza.	hemm ukoll il- possibbiltà li l- partijiet jilħqu qbil dwar l-ammonti tal-ħlas mingħajr l-intervent ta' partijiet terzi u li jrid ikun approvat mill-imħallef jew inkella billi jirrikoru għall- medjazzjoni minkejja li jkun beda l- proċediment.
Każ B	L-istess bħall- każ ta' qabel	Idem	Idem	Idem	Idem	Idem	Idem

Spejjeż ta' avukati, amministraturi ġuizzjarji u esperti

Każ mistħarreġ	Avukati	Spejjeż	Amministraturi ġuizzjarji		Esperti
			Ir-rappreżentazzjoni hija obbligatorja?	Ir-rappreżentazzjoni hija obbligatorja?	
Każ A	Meta l-pretensjoni mitluba taqbeż l-EUR 2000 il-partijiet iridu jkunu assititi minn avukat u rappreżentati minn prokuratur (l-Artikolu 31 L.E.C.).	Jiddependi mid-daqs tal- pretensjoni tal- proċediment u mid- dispożizzjonijiet proċedurali li jirriżultaw.	Ma jirrapreżentax il- partijiet	L-użu tal-esperti huwa obbligatorju?	Huwa rakkomandabbli l-użu ta' esperti (evalwazzjoni tad- danni), imħallsa mill- parti li titlobhom.

Każ B L-istess bħall-każ ta' qabel Idem Idem Idem

L-ispejjeż għall-kumpens tax-xhieda, għal rahan jew garanzija u drittijiet oħrajn rilevanti

Każ mistħarreġ	Kumpens għax-xhieda	Rahan
	Ix-xhieda jiġu kkompensati?	Spejjeż Jeżisti? Kif u meta jintuża?
Każ A	Ix-xhieda għandhom dritt għal kumpens għal danni u telf li x-xhieda tagħhom fil-qorti tkun ikkawżatilhom mill-parti li tkun sejñitilhom (I-Artikolu 375(1) L.E.C).	Mhux meħtieġ depożitu bil-quddiem.
Każ B	L-istess bħall-każ ta' qabel	Idem

Spejjeż tal-għajjnuna legali, u rimborżi oħra

Każ mistħarreġ	L-Għajjnuna Legali	Meta tkun totali l-għajjnuna legali?	X'inhuma l-kundizzjonijiet?	Rimborżi
	Meta u f'liema kundizzjonijiet tkun applikabbli?			Tista' l-parti rebbieħa tikseb ir-rimborżi tal-ispejjeż tal-kawża? Wieħed irid joqgħod fuq il-ftehim milħuq mal-avukat tiegħu, jekk ikun hemm qbil. Ġeneralment parti importanti tat-tariffa tal-avukat, jew kollha kemm hi, sakemm din ma taqbiżx it-terz tal-pretenzjoni tal-każ, u d-drittijiet u l-pagamenti bil-quddiem tal-prokuratur, onorarji tal-perizja (skont il-każ) jistgħu jkunu rimborżati wara l-valutazzjoni tal-ispejjeż.
Każ A	applika għal persuni li juru li ma għandhomx finanzi suffiċjenti biex jieħdu sehem fi proċedimenti legali (inkluż it-tariffi tal-avukat, tal-prokuratur fost l-oħrajn).		Jitqies li jeżisti nuqqas ta' mezzi finanzjarji meta persuna fiżika tkun tista' turi li r-riżorsi u d-dħul tagħha, ikkalkulati kull sena fuq il-bażi tal-kunċetti kollha u għal kull unità ta' familja, ma jaqbiż id-doppju tal-Indiċi Pubbliku tad-Dħul għal Aktar minn Skop Wieħed (IPREM), li jkun fis-seħħ fiż-żmien li ssir l-applikazzjoni.	
Każ B	L-istess bħall-każ ta' qabel		Idem	Idem

Spejjeż tat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni

Każ mistħarreġ	Traduzzjoni	X'inhuma l-ispejjeż ikun neċessarju? stmati?	Interpretazzjoni	X'inhuma l-ispejjeż ikun neċessarju? stmati?
	Meta u f'liema kundizzjonijiet		Meta u f'liema kundizzjonijiet	

Fil-każ li jkunu preżentati taqsiriet tad-dokumenti f'lingwa li mhix il-Kastellan (jew il-lingwa proprja tal-Komunità Awtonoma fejn isir il-proċess), dawn għandhom ikunu akkompanjati minn traduzzjoni. Din t-traduzzjoni tista' ssir privatament u, jekk xi waħda mill-partijiet tikkontesta bl-argument li ma tikkunsidrahiex fidila u eżatta u tesprimi r-raġunijiet għad-diskrepanza, is-Segretarju Ġudizzjarju mbagħad jordna li, fir-rigward tal-parti tad-dokument li dwarha hemm nuqqas ta' qbil fit-traduzzjoni, għandha ssir traduzzjoni uffiċjali bl-ispejjeż jitħallsu minn min ressaq id-dokument, iżda jekk jirriżulta li din tkun identika għat-traduzzjoni privata, l-ispejjeż tat-traduzzjoni uffiċjali jiġġarrbu mill-persuna li kkontestatha.

Każ A

Varjabbli

Meta jkun meħtieġ li persuna tintervjeni fil-proċess biex tkun interrogata, tagħmel dikjarazzjoni jew tkun informata personalment bis-sentenza u ma tafx il-Kastellan jew skont il-każ il-lingwa kouffiċjali tal-Komunità Awtonoma fejn isir il-proċess, jitqabbd interpretu xi persuna li taf dik il-lingwa, u jintalab minnha li tiegħu għurament u twiegħed traduzzjoni leali.

Huwa diffiċli li jkunu determinati minn qabel.

Każ B Idem

Idem

■ L-aħħar aġġornament: 17/07/2013

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.